



Brussell, 9 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15252/23

LIMITE

AGRI 697
AGRISTR 61
COH 82
SOC 754
EMPL 539
ENV 1273

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali tal-UE (LTVRA) - <i>Approvazzjoni</i>

Wara l-konferma mid-delegazzjonijiet ta' nuqqas ta' oġġezzjoni għat-test anness tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, fil-qafas ta' "konsultazzjoni siekta" bl-iskadenza tad-9 ta' Novembru 2023, il-KSA/Kunsill huma mistiedna japprovaw dawn il-Konklużjonijiet mingħajr ebda bidla matul il-laqgħat tagħhom fl-14 u l-20 ta' Novembru 2023 rispettivament.

Fl-okkażjoni tad-dibattitu pubbliku matul il-laqgħa tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2023, l-Istati Membri mistiedna jkomplu jenfasizzaw il-prijoritajiet tagħhom u jindikaw it-tħassib tagħhom dwar l-iżvilupp futur taż-żoni rurali tal-UE.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JFAKKAR fl-Artikoli 39 u 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u li l-ħidma lejn żoni rurali vibranti, multifunzjonali u prosperi tikkostitwixxi element importanti tal-istrategġija globali tal-UE u objettiv komuni ta' firxa ta' politiki u strumenti politiċi tal-UE;

FILWAQT LI JINNOTA

- Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2021)0345) tal-20 ta' Ġunju 2021 bit-titolu "Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE: Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040";
- Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2022 (2021/2254(INI)) u l-Opinjonijiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (2022/C 270/04) u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (2022/C 290/22) dwar il-Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali tal-UE;
- Ir-rapport tal-Konferenza dwar il-Patt Rurali li saret fi Brussell f'Ġunju 2022 u t-tnedija tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Patt Rurali;
- It-tagħlimiet meħuda mill-Konferenza dwar il-Patt Rurali f'Uppsala (l-Iżvezja) fit-3 u l-4 ta' Mejju 2023; u
- L-eżiti u r-rakkomandazzjonijiet tal-forum ta' livell għoli dwar il-politika rurali dwar it-tiswir tal-futur taż-żoni rurali, organizzat mill-Presidenza Spanjola u l-Kummissjoni Ewropea f'Sigüenza, Spanja mis-27 sad-29 ta' Settembru 2023;

FILWAQT LI JENFASIZZA

- li ż-żoni rurali huma kontributuri essenzjali għall-prosperità ġenerali u s-saħħa ekonomika tal-UE u għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li jassumu rwol ċentrali fi kwistjonijiet bħall-produzzjoni tal-ikel, il-preservazzjoni tal-ambjent, l-azzjoni klimatika u t-trawwim tal-wirt kulturali tagħna; li l-agrikoltura taqdi rwol fundamentali f'dan ir-rigward u hija kruċjali għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali taż-żoni rurali; u li ħafna żoni rurali fl-UE għandhom quddiemhom sfidi uniċi, fosthom id-depopolazzjoni u popolazzjoni li qed tixji, id-disparità bejn il-ġeneri, il-faqar, konnettività limitata, infrastruttura sottożviluppata, nuqqas ta' varjetà fl-opportunitajiet ta' impjieg u differenzi fid-disponibbiltà tas-servizzi u fl-aċċess għalihom;

adotta l-Konklużjonijiet li ġejjin:

I. VIŻJONI GĦAŻ-ŻONI RURALI GĦALL-2040

Il-Kunsill

1. JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Viżjoni fit-Tul għaŻ-Żoni Rurali tal-UE, magħrufa wkoll bħala viżjoni rurali, l-approċċ olistiku u l-istruttura madwar erba' oqsma ta' azzjoni komplementari għal żoni rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040, il-Pjan ta' Azzjoni Rurali tal-UE relatat, u t-tnedija u l-iżvilupp tal-Patt Rurali;
2. JISTIEDEN, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali jindirizzaw l-isfidi differenti u multidimensjonali tal-iżvilupp territorjali u l-kumplessità taż-żoni rurali u d-distakki soċjoekonomiċi bejn iż-żoni rurali u żoni oħra u jistieden lil daww li jfasslu l-politika fil-livelli kollha ta' governanza biex jagħtu attenzjoni speċifika liż-żoni rurali biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u jippromwovu l-akkomodazzjoni u l-aċċess għas-servizzi bażiċi tal-abitanti rurali;
3. JENFASIZZA, b'mod partikolari, in-natura diversa u l-ħtiġijiet speċifiċi taż-żoni rurali kollha, b'mod partikolari r-reġjuni ultraperiferiċi, il-komunitajiet kostali u ż-żoni skarsament popolati kif ukoll iż-żoni li huma remoti jew li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi severi u permanenti, bħall-muntanji, il-gżejjer u r-reġjuni tat-Tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna;

4. JISĦAQ li żvilupp territorjali bbilanċjat u integrat, ankrat f'approċċi bbażati fuq il-post, jirrifletti l-Aġenda Territorjali 2030 il-ġdida tal-UE adottata reċentement, u li huwa meħtieġ li jsir l-aħjar użu mill-potenzjal taż-żoni rurali biex titrawwem id-diversifikazzjoni ekonomika tagħhom permezz ta' setturi industrijali, diġitali u dawk tas-servizzi ġodda, filwaqt li jinħolqu impjiegi ta' kwalità u opportunitajiet ta' impjieg aktar adegwati, diversi u flessibbli; filwaqt li jitqiesu wkoll il-ħtiġijiet partikolari tal-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju;
5. JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-kooperattivi bħala kontributuri għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali taż-żoni rurali, li jipprovdu opportunitajiet ta' xogħol, u jżommu ż-żoni rurali haġġin u popolati;
6. JENFASIZZA, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-investimenti f'firxa ta' setturi, inkluż l-agrikoltura, u li jinkisbu bidliet strutturali fuq il-post biex iż-żoni rurali jinżammu popolati u vijabbli, jiġi promoss l-iżvilupp intelliġenti u jsir l-aħjar użu mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, fost l-oħrajn billi tiġi indirizzata d-depopolazzjoni prevalenti taż-żoni rurali, it-tnaqqis demografiku u t-tixjiħ, billi jiġu pprovduti taħriġ u miżuri oħra ta' appoġġ għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tan-nies, speċjalment fir-rigward tal-ħiliet diġitali u l-iżvilupp rurali;
7. JILQA', f'dan ir-rigward, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-isfruttar tat-talenti fir-reġjuni Ewropej, u JINKORAĠĠIXXI lill-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali biex jindirizzaw id-disponibbiltà baxxa tas-servizzi pubbliċi, il-mobbiltà, u l-infrastruttura u biex jaħtfu kwalunkwe opportunità li teżisti fiż-żoni rurali, filwaqt li jiżviluppaw, pereżempju, strateġiji ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD) u integrat u billi jtejbu l-aċċess għall-appoġġ finanzjarju u tekniku u l-bini tal-kapaċità fil-livell lokali;
8. JISSOTTOLINA, għal darb'oħra, ir-rwol importanti tal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali fi ħdan l-inizjattiva LEADER u l-approċċ minn isfel għal fuq meta jimplimentaw l-istrateġiji tas-CLLD tagħhom;
9. JISĦAQ li, filwaqt li l-involviment qawwi taċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet miż-żoni rurali huwa ta' importanza kbira għall-iżvilupp ta' strateġiji lokali, il-parteeċipazzjoni pubblika attiva fil-livelli kollha ta' governanza hija essenzjali wkoll biex jiġu żviluppati miżuri ta' bini tal-kapaċità, soluzzjonijiet ta' politika mfassla apposta, ibbażati fuq il-post u integrati, inkluż sorsi multipli ta' finanzjament u investimenti pubbliċi;

10. JENFASIZZA li hija meħtieġa aktar kooperazzjoni bejn iż-żoni rurali u urbani fit-tranżizzjoni ġusta lejn UE newtrali għall-klima, sostenibbli u prospera, ibbażata fuq relazzjoni rurali-urbana ġusta u ta' benefiċċju reċiproku u strateġiji integrati ta' żvilupp u investment; JIRRIKONOXXI r-rwoli ta' "ankraġġ" u "konċentrazzjoni ta' nies" tal-bliet żgħar u ta' daqs medju biex jiksbu żvilupp territorjali aktar ibbilanċjat u biex jgħinu liż-żoni rurali tal-madwar;
11. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u inklużiva fit-territorji rurali, li tippromwovi l-vitalità ekonomika rurali u l-koeżjoni territorjali u soċjali, u li ħadd u l-ebda post ma jitħalla jibqa' lura;

II. IL-PJAN TA' AZZZJONI RURALI TAL-UE U L-PATT RURALI

12. JILQA' l-introduzzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Rurali tal-UE biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali tal-UE sal-2040;
13. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja b'mod sistematiku l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Rurali tal-UE, filwaqt li tiżgura l-aġġornament regolari tiegħu u l-mobilizzazzjoni kontinwa u effettiva tal-politiki rilevanti kollha tal-UE;
14. JAPPOĠĠA l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tal-kunċett ta' verifika rurali billi jiġi vvalutat l-impatt antiċipat ta' inizjattivi ewlenin tal-UE fuq iż-żoni rurali u jhegġegħ approċċi simili fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali bl-għan li jiġu żgurati l-koerenza, il-konsistenza u l-komplementarjetà bejn il-politiki u l-istrumenti li jkopru kwistjonijiet ta' importanza għaż-żoni rurali;
15. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-koerenza u s-sinerġiji bejn il-politiki u l-istrumenti tal-UE, inkluż il-PAK u l-politika ta' koeżjoni, u li jinbnew pontijiet bejn l-awtoritajiet pubbliċi biex tiġi indirizzata l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fiż-żoni rurali u jiġu indirizzati x-xejriet relatati mad-depopolazzjoni u l-eżodu ta' mħuħ; il-prinċipju ta' koerenza għandu jirreferi wkoll għal elementi relatati mal-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni meta jiġu segwiti objettivi komuni bi strumenti ta' appoġġ differenti;

16. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġi estiż l-Osservatorju Rurali tal-UE, u l-ħtieġa li jittejbu l-
għbir tad-data u l-kwalità tal-istatistika rurali, fost l-oħrajn permezz ta' data fil-livell ta'
muniċipji u diżaggregata skont is-sess u tipi oħra ta' żoni funzjonali, li jirfdu t-tfassil u l-
iżvilupp ta' politiki u azzjonijiet rurali rilevanti u bbażati fuq l-evidenza u tittejjeb l-
implimentazzjoni effettiva tal-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali mingħajr ma jiżdedu
b'mod sinifikanti l-piż u l-ispejjeż amministrattivi;
17. JILQA' l-pjattaforma ta' rivitalizzazzjoni rurali, u jistenna bil-ħerqa t-tlestija mill-
Kummissjoni tas-sett ta' għodod dwar l-Opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE għaż-żoni
rurali;
18. JISĦAQ fuq l-importanza partikolari tat-tiġdid ġenerazzjonali fiż-żoni rurali u fis-settur
agroalimentari u JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jappoġġaw b'mod attiv liċ-ċittadini rurali
żgħażaġh, fost l-oħrajn billi jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għall-finanzjament u l-art, jipprovdu
impjiegi u taħriġ u opportunitajiet edukattivi diversi u flessibbli u jinvolvuhom fit-tfassil tal-
politika u fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet lokali;
19. JENFASIZZA l-ħtieġa li jissaħħu l-investimenti pubbliċi u jiġu pprovduti fondi tal-UE u
nazzjonali li jikkontribwixxu għall-konnettività fiż-żoni rurali, u t-tranżizzjoni diġitali,
meħtieġa għalihom biex ikollhom aċċess għal opportunitajiet ġodda li jeħtieġu network
stabbli u b'kapaċità għolja ħafna, u kopertura tal-broadband aċċessibbli;
20. JILQA' l-inizjattiva ewlenija tal-Pjan ta' Azzjoni Rurali tal-UE "Futuri Diġitali Rurali" u
jinnota l-ħtieġa li jiġu mħeġġa l-innovazzjoni diġitali, l-infrastruttura tad-data u l-akkwist ta'
ħiliet diġitali biex tingħata spinta lill-kompetenzi meħtieġa għat-trasformazzjoni diġitali taż-
żoni rurali;
21. JIRRIKONOXXI li n-nisa jirrappreżentaw forza mexxejja sinifikanti għall-prosperità u l-
inklużjoni soċjali fiż-żoni rurali, madankollu qed jiffaċċjaw sfidi addizzjonali u jeħtieġu
miżuri ta' appoġġ biex jintegraw aħjar fis-suq tax-xogħol, jużaw opportunitajiet eżistenti u
joħolqu opportunitajiet ġodda għall-impjiegi u l-innovazzjoni, u jipparteċipaw fit-teħid tad-
deċiżjonijiet; u JILQA', f'dan ir-rigward, l-inklużjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala
element wieħed ta' objettiv speċifiku tal-PAK il-ġdida, li jippromwovi l-parteeipazzjoni
ugwali tan-nisa fil-biedja u l-iżvilupp soċjoekonomiku taż-żoni rurali;

22. JENFASIZZA r-rwol essenzjali tas-setturi tal-agrikoltura, tal-ikel, tal-forestrija, tas-sajd u tal-akkwakultura, u setturi oħra tal-bijoeconomija fl-ekonomija rurali, li jholqu l-impjieg, iġibu l-innovazzjoni u dħul imtejjeb u diversifikat għall-popolazzjoni lokali kif ukoll il-fatt li huma sors ta' materja prima sostenibbli u rinnovabbli; u JQIS li hija prijorità li tkompli tinbena r-reżiljenza agrikola, forestali u rurali biex jiġu ffaċċjati l-isfidi demografiċi, ekonomiċi, klimatiċi u ambjentali; JENFASIZZA l-kapaċitajiet ta' adattament taż-żoni rurali li jsaħħu r-reżiljenza u jnaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima;
23. JILQA', f'dan ir-rigward, l-azzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu l-ippjanar tal-użu tal-art, il-biedja sostenibbli u reżiljenti filwaqt li jtejbu s-sigurtà tal-ikel, il-bijodiversità, id-disponibbiltà tal-ilma, is-saħħa tal-ħamrija, il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, il-ktajjen tal-valur lokali u l-prodotti agroalimentari ta' kwalità;
24. JENFASIZZA l-importanza li tiġi implimentata l-Viżjoni fit-Tul għaż-żoni rurali f'kooperazzjoni mill-qrib maċ-ċittadini rurali, filwaqt li titħeġġeġ aktar attenzjoni għall-iżvilupp u l-innovazzjoni bbażati fuq il-post permezz ta' rħula intelliġenti, l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, l-iżvilupp reġjonali, u tingħata spinta lill-approċċi territorjali u lill-inizjattivi mmexxija lokalment biex jinħolqu opportunitajiet ekonomiċi ġodda u ekosistemi innovattivi u jissaħħu s-servizzi u l-infrastrutturi bażiċi fiż-żoni rurali;
25. JISTIEDEN lill-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali kollha, lill-awtoritajiet lokali u lill-partijiet ikkonċernati u lill-komunitajiet kollha biex jinvolvu ruħhom u jimpenjaw ruħhom fil-qafas tal-Patt Rurali u jikkontribwixxu b'mod attiv għall-għanijiet stabbiliti skont il-Komunikazzjoni dwar il-Viżjoni Rurali u l-oġettivi tal-Patt Rurali;
26. JISĦAQ, f'dan ir-rigward, fuq li n-networking fl-ambitu tal-Patt Rurali u n-networks tal-PAK u networks rilevanti oħra relatati mal-koeżjoni jista' jkollhom rwol ċentrali fit-disseminazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni u riżultati dwar il-viżjoni rurali fost il-partijiet ikkonċernati rurali;
27. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri, li għadhom ma għamlux dan, biex jinvolvu ruħhom fil-Patt Rurali u jfasslu strateġiji olistiċi u pjanijiet ta' azzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali biex jindirizzaw l-isfidi li jiffaċċjaw iż-żoni rurali u jtejbu l-opportunitajiet li joffru;

III. IT-TOROQ 'IL QUDDIEM

28. JINNOTA li l-finanzjament tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali futur għaż-żoni rurali għandu jirrifletti kif xieraq ir-rwol ċentrali li ż-żoni rurali qed jaqdu biex jindirizzaw l-isfidi ekonomiċi, ambjentali u soċjali li qed jiffaċċjaw l-UE u l-Istati Membri tagħha, inkluż dawk maħluqa mis-sitwazzjoni ġeopolitika attwali;
29. JIRRIKONOXXI li l-kuntest ġeopolitiku attwali jirrikjedi reżiljenza u kompetittività akbar taż-żoni rurali tal-UE, l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel fil-livell tal-UE u dak globali fil-qafas tal-Awtonomija Strateġika Miftuħa tas-sistemi tal-ikel tal-Unjoni Ewropea u t-tnaqqis tad-dipendenzi esterni f'oqsma ewlenin fejn l-UE jeħtieġ li tibni livell suffiċjenti ta' kapaċità biex tiggarantixxi l-benesseri ekonomiku u soċjali tagħha, bħall-agrikoltura sostenibbli, kif iddikjarat fid-dikjarazzjoni ta' Granada;
30. JILQA' l-eżerċizzju ta' rendikont tal-Kummissjoni tal-azzjonijiet imwettqa jew ippjanati fi skemi ta' appoġġ għaż-żoni rurali ffinanzjati mill-UE u mill-Istati Membri fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 taħt il-PAK u l-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni;
31. JISSOTTOLINJA li, minbarra l-Politika ta' Koeżjoni, il-Politika Agrikola Komuni u l-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-politiki rilevanti kollha tal-UE għandhom, filwaqt li jtejbu l-koerenza u s-sinerġiji tagħhom, ikunu involuti u jikkontribwixxu riżorsi xierqa biex jappoġġaw iż-żoni rurali;
32. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tistabbilixxi strument ta' monitoraġġ biex tivvaluta l-finanzjament tal-UE li jappoġġa ż-żoni rurali mill-politiki u l-istrumenti rilevanti kollha tal-UE; JAPPOĠĠA l-istabbiliment, fil-bidu ta' kull perjodu ta' programmazzjoni, ta' proċedura biex jiġu żgurati l-komplementarjetà, il-koerenza u s-sinerġiji bejniethom mingħajr ma jiżdiedu l-piż u l-ispejjeż amministrattivi;

33. JISĦAQ fuq l-importanza li l-politiki u l-proċeduri eżistenti u futuri jiġu adattati għar-realtajiet u l-ħtiġijiet diversi tal-komunitajiet rurali ta' daqs żgħir u JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Istati Membri, u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jissimplifikaw il-proċeduri u r-rekwiżiti għall-benefiċjarji b'kapaċità amministrattiva limitata, biex jiffaċilitaw l-investiment billi jieħdu bl-aħjar mod riżorsi differenti tal-UE u daww nazzjonali u l-użu ta' strumenti finanzjarji;
34. JAPPELLA lill-Kummissjoni, meta tħejji r-rapport pubbliku li jmiss fl-ewwel kwart tal-2024 biex tqis bir-reqqa l-fehmiet tal-koleġiżlaturi, inklud dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill u r-risoluzzjoni mhux leġislattiva tat-13 ta' Diċembru 2022 tal-Parlament Ewropew u JIĠBED L-ATTENZJONI għall-fatt li d-diskussjonijiet dwar dan ir-rapport għandhom jikkontribwixxu għar-riflessjoni dwar it-thejjja tal-proposti għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss;
35. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex f'dan ir-rapport tipprovdi aġġornament tal-Pjan ta' Azzjoni Rurali tal-UE li jkun miexi kontinwament u sett ta' riflessjonijiet dwar orjentazzjonijiet possibbli għal azzjoni ta' appoġġ u finanzjament imsaħħa għaż-żoni rurali, u dwar it-triq 'il quddiem; biex tippreżenta opzjonijiet biex jiġu żgurati aktar sinerġija, konsistenza, koerenza u komplementarjetà bejn il-politiki li għandhom impatt fuq iż-żoni u l-komunitajiet rurali jew li huma ta' benefiċċju għalihom, u t-tisħiħ tal-governanza fil-livelli kollha; u kunsiderazzjonijiet għal monitoraġġ aktar immirat tal-Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali tal-UE kif ukoll mekkaniżmi ta' evalwazzjoni inkorporati fl-aġġornamenti tal-Pjan ta' Azzjoni Rurali tal-UE u fil-Patt Rurali, mingħajr ma jiżdiedu l-piżijiet u l-kostijiet amministrattivi;
36. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqis, bħala riżultat ta' rieżami futur ta' din il-viżjoni rurali, it-trasformazzjoni ta' dan il-kunċett fi strateġija rurali tal-UE, b'approċċ komprensiv u flessibbli biex jiġu indirizzati sfidi u diversità differenti fiż-żoni rurali tal-UE filwaqt li jiġu massimizzati l-potenzjal u l-opportunitajiet tagħhom permezz ta' sett ta' indikaturi xierqa u rilevanti, b'kont meħud tal-prinċipji ta' regolamentazzjoni u simplifikazzjoni aħjar;
37. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tirrapporta lill-Kunsill perjodikament dwar l-azzjonijiet tagħha fir-rigward ta' dawn il-konklużjonijiet.